MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 328/2012

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Norbert Nemeth (K.I. 50290A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlett ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€303.28c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51082975 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi 'ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie 'nterpellat sabiex jhallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-27 ta’ Mejju, 2014 mill-Avukat Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tlett mija u tlett ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€303.28c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-avviz ta’ din it-talba sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------